KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.11.2007
KUMM(2007) 731 finali

2007/0252 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa każijiet "Open Skies", fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju[1] (il-"mandat orizzontali"). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha ta' l-ajru ta' l-UE għar-rotot bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jikkonformaw mal-liġi Komunitarja.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-relazzjonijiet fil-qasam ta' l-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tradizzjonalment kienu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi għat-tali ftehimiet u arranġamenti oħra bilaterali jew multilaterali b'rabta ma' dan.

Il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni fil-ftehimiet ta' l-ajru bilaterali ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li kienet ġiet iddežinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru u kkontrollata effettivament minnu jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà ta' l-istabbiliment tagħhom l-istess trattament fl-Istat Membru li jkun qed jospitahom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Hemm kwistjonijiet oħra, bħat-taxxa fuq il-fjuwil ta' l-avjazzjoni, it-tariffi introdotti minn trasportaturi ta' l-ajru ta' terzi pajjiżi fuq rotot intra-Komunitarji, jew ftehimiet obbligatorji kummerċjali bejn il-linji ta' l-ajru li fil-każ tagħhom il-konformità mal-liġi Komunitarja għandha tiġi żgurata billi jiġu emendati jew ikkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-Mongolja.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-Ftehim se jaqdi mira fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-avjazzjoni esterna billi jġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru konformi mal-liġi Komunitarja.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li ħadu sehem fil-konsultazzjoni

L-Istati Membri, kif ukoll l-industrija, ġew ikkonsultati matul in-negozjati kollha.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Il-kummenti li saru mill-Istati Membri u l-industrija ġew ikkunsidrati.

3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għall-"mandat orizzontali", il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika tal-Mongolja li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Mongolja. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lit-trasportaturi ta' l-ajru kollha tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim jittrattaw żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet fil-kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 4 jittratta t-tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni, kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha. L-Artikolu 5 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq il-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr li jsir kollu kemm hu fil-Komunità. L-Artikolu 6 jġib id-dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali li huma ċarament anti-kompetittivi (ftehimiet obbligatorji kummerċjali bejn il-linji ta' l-ajru) f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni ta' l-UE.

- **Il-bażi ġuridika**

It-Trattat tal-KE, l-Artikoli 80(2), u 300(2).

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tissejjes kollha kemm hi fuq il-"mandat orizzontali" mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet koperti mil-liġi Komunitarja u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkomplementa d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi biss safejn dan ikun ta' ħtieġa ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-liġi Komunitarja.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Mongolja huwa l-aktar strument effiċjenti sabiex jinġiebu konformi mad-dritt Komunitarju l-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Mongolja. Fil-bidu ta l-2007, il-Mongolja u Franza kienu ġabu l-ftehim bilaterali tagħhom konformi mad-dritt Komunitarju

4) IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u l-Mongolja se jiġu ssuperati jew ikkomplementati b'dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju waħdieni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Skond il-proċedura standard għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja u dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u jinnomina l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità, ftehim mal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat proviżorjament mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri kollha meħtieġa għal dan il-għan ikunu ġew kompluti. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

---

[2] ĠU C […], […], p. […].

3. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0252 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità, ftehim mal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi […] suġġett għal konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill …/…/KE ta' […][5].

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa permezz ta' dan approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

---

3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU C […], […], p. […].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja

dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa l-waħda, u

IL-GVERN TAL-MONGOLJA,

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru ġew konklużi bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Mongolja li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra d-dritt Komunitarju,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skond il-liġi tal-Komunità Ewropea, it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu dritt ta' sjieda fi trasportaturi ta' l-ajru mogħtija liċenzja f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet għal servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Mongolja, li jmorru kontra l-liġi tal-Komunità Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Moldova u biex tiġi ppreżervata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi ta' l-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea, it-trasportaturi ta' l-ajru ma jistgħux, fil-prinċipju, jikkonkludu ftehimiet li jkollhom imnejn jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u li l-għan jew l-effett tagħhom ikun il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Mongolja, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tal-Mongolja, jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu fi ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar id-drittijiet tat-traffiku.

FILWAQT LI JAGĦRFU li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Mongolja li i) jeħtieġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn il-kumpaniji, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' kumpaniji jew prassi miftiehma li jimpedixxu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' l-ajru fuq ir-rotot rilevanti; jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma tali; jew iii) jiddelegaw lit-trasportaturi ta' l-ajru jew operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' l-ajru fuq ir-rotot rilevanti jistgħu jagħmlu ineffettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-kumpaniji.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'Stati Membri' tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huma parti fil-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.

ARTIKOLU 2

Deżinjazzjoni minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ser jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli mniżżla fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni ta' kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat l-awtorizzazzjonijiet tiegħu u l-permessi mogħtija mill-Mongolja, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpanija ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi deżinjazzjoni mingħand Stat Membru, il-Mongolja għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi meħtieġa bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

    i. it-trasportatur ta' l-ajru jkun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru deżinjat skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u jkollu Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi tal-Komunità Ewropea;

ii. kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta’ l-ajru jkun imħaddem u miżmum mill-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni; kif ukoll;

iii. it-trasportatur bl-ajru huwa proprjetà, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, u huwa kkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' stati oħra bħal dawn.

3. Il-Mongolja tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur ta' l-ajru minn Stat Membru f'każ li:

i. it-trasportatur ta’ l-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju ta’ l-Istat Membru li jkun qed jiddeżinjah taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollux Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea;

ii. ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. it-trasportatur ta' l-ajru mhux proprjetà, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, jew mhux ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' stati oħra bħal dawn.

Waqt li teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, il-Mongolja m’għandiex tiddiskrimina bejn trasportaturi ta’ l-ajru tal-Komunità fuq il-bażi ta’ ċittadinanza.

ARTIKOLU 3

Is-sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Fejn Stat Membru jkun ħatar trasportatur ta’ l-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa mħaddem u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tal-Mongolja taħt id-dispożizzjonijiet ta’ protezzjoni tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ħatar it-trasportatur ta’ l-ajru u l-Mongolja ser japplikaw b’mod ugwali fir-rigward ta’ l-adozzjoni, it-tħaddim jew iż-żamma ta’ l-istandards ta’ sikurezza mill-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta’ l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta’ dak it-trasportatur ta’ l-ajru.

ARTIKOLU 4

Tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2 (d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2 (d) ma għandu jżomm Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' trasportatur ta' l-ajru dežinjat mill-Mongolja li jopera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

ARTIKOLU 5

It-tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu fl-artikoli elenkati fl-Anness 2 (e).

2. It-tariffi li ser jiġu ddebitati mit-trasportatur(i) ta' l-ajru ddežinjati mill-Mongolja permezz ta' ftehim imniżżel fl-Anness 1 li fih dispożizzjoni mniżżla fl-Anness 2(e) għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fi ħdan il-Komunità Ewropea, ser jiġu suġġetti għal-liġi Komunitarja Ewropea

ARTIKOLU 6

Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kull dispożizzjoni għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness I ma għandu (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki miftiehma li jipprevjenu jew jgħawġu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma bħal dawn; jew (iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I li mhumiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati.

ARTIKOLU 7

Annessi ta' dan il-Ftehim

L-Annessi ta' dan il-Ftehim se jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 8

Reviżjonijiet jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 9

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja

1. Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim proviżorjament mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri kollha meħtieġa għal dan il-għan ikunu ġew kompluti.

3. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u l-Mongolja li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ma kinux daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness 1 (b). Il-Ftehim għandu japplika għall-Ftehimiet u l-arranġament kollha tali mad-dħul fis-seħħ jew ma' l-applikazzjoni proviżorja tagħhom.

ARTIKOLU 10

Terminazzjoni

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim elenkat fl-Anness 1 ikkonċernat għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [...] f'żewġ kopji, nhar il-[...] ta' [..., ...] bil-lingwa Ċeka, Bulgara, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwanjana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Mongoljana.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA: GĦALL-GVERN TAL-MONGOLJA:

ANNESS 1

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

Ftehimiet ta' servizzi ta' l-ajru bejn il-Mongolja u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, dakinhar ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew inizjalati

– Il-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern Federali ta' l-Awstrija u l-Gvern tal-Mongolja**, inizjalat u mehmuż bħala l-Appendiċi 2 mal-Memorandum ta' Spjegazzjoni ffirmat fi Vjenna fit-28 ta' Ġunju 1999, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Mongolja – Awstrija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tal-Mongolja** dwar is-Servizzi ta' l-Ajru ffirmat f'Beijing nhar is-19 ta' Ġunju 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Mongolja - Danimarka" fl-Anness 2;

– Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tal-Mongolja** iffirmat f'Helsinki fl-10 ta' Frar 2000, minn hawn 'il quddiem "Ftehim Mongolja – Finlandja" f'Anness 2;

– Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tal-Mongolja, i**ffirmat f'Bonn fid-29 ta' Mejju 1998, minn hawn 'il quddiem "Ftehim Mongolja – Ġermanja" f'Anness 2;

– Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Gvern tal-Mongolja** iffirmat f'Ulaanbaatar fit-13 ta' Settembru 1994, minn hawn 'il quddiem "Ftehim Mongolja – Ungerija" f'Anness 2;

– Ftehim għal Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tal-Mongolja** ffirmat f'Lussemburgu fit-18 ta' Marzu 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Mongolja - Lussemburgu" fl-Anness 2;

– Ftehim għal Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tal-Mongolja** ffirmat f'The Hague fid-9 ta' Marzu 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Mongolja - Olanda" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Mongolja**, iffirmat Ulan-Bator fis-26 ta' Mejju 1989, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Mongolja – Polonja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tal-Mongolja iffirmat Ulan-Bator fl-10 ta' Lulju 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Mongolja - Rumanija" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru, bejn **il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern tal-Mongolja** ffirmat f'Beijing fid-19 ta' Ġunju 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Mongolja - Żvezja" fl-Anness 2;

– Ftehim dwar is-servizzi ta' l-ajru, bejn **il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Mongolja** ffirmat f'Londra fl-1 ta' Marzu 2000, minn hawn "il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Mongolja- Renju Unit" fl-Anness 2;

ANNESS 2

Lista ta' Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Dežinjazzjoni minn Stat Membru:

– L-Artikolu 3, paragrafu 5 tal-Ftehim Mongolja - Awstrija;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja - Danimarka;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja - Ġermanja;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja - Ungerija;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja - Lussemburgu;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja – Olanda;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4(a) tal-Ftehim Mongolja - Rumanija;

– L-Artikolu 3, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja – Żvezja;

– L-Artikolu 4, paragrafu 4 tal-Ftehim Mongolja – Renju Unit;

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet jew permessi:

– L-Artikolu 4 paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja - Awstrija;

– L-Artikolu 4 paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja - Danimarka;

– L-Artikolu 5 paragrafu 1 (a) tal-Ftehim Mongolja - Finlandja;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Mongolja – Ġermanja;

– L-Artikolu 4 paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja - Ungerija;

– L-Artikolu 4 paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja - Lussemburgu;

– L-Artikolu 4 paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja - Żvezja;

– L-Artikolu 5, paragrafu 1(a) tal-Ftehim Mongolja – Renju Unit;

(c) Sikurezza:

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mongolja – Awstrija;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Mongolja – Finlandja;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Mongolja – Ġermanja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Ungerija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mongolja – Lussemburgu;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Mongolja – Olanda;

– L-Artikolu 15 tal-Ftehim Mongolja – Polonja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mongolja – Rumanija;

(d) It-Tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni:

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mongolja – Awstrija;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mongolja – Danimarka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mongolja – Finlandja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mongolja – Ġermanja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mongolja – Ungerija;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Mongolja – Lussemburgu;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Olanda;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Mongolja – Polonja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mongolja – Rumanija;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Mongolja – Żvezja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Mongolja – Renju Unit;

(e) Tariffi għat-trasport fi ħdan il-Komunità Ewropea:

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Awstrija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Danimarka;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Mongolja – Finlandja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Mongolja – Ġermanja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Mongolja – Ungerija;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mongolja – Lussemburgu;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Mongolja – Olanda;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Mongolja – Polonja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Rumanija;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Mongolja – Żvezja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Mongolja – Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta l-Iżlanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat ta' Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(ċ) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).